MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 876/2009

Dr. William Azzopardi (Id. 367064M).

Vs

Rita Xuereb u Mary Carabott.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob il-hlas tas-somma ta' hames mija, sitta u tletin Ewro (€536.00) minghand il-konvenuti, rapprezentanti dritt professjonali marbut ma inkarigu assunt mill-attur konsistenti fi traduzzjoni. Bl-ispejjes u imghax legali.

Ra r-risposta tal-konvenuta Mary Carabott li eccepiet illi l-hlas mitlub mhuwiex dovut peress li (i) is-servizz ta' traduzzjoni ma nghatax u dan kif ser jigi ppruvat; u (ii) minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-attur wieghed li jqabbad agenzija tat-traduzzjoni kwalifikata 'at the lowest price' mentri din l-kawza turi mod iehor; u (iii) dejjem bla

pregudizzju, l-hlas mitlub huwa eccessiv. Bl-ispejjes kollha kontra l-attur.

Ra r-risposta tal-konvenuta Rita Xuereb li eccepiet illi l-hlas mitlub mhuwiex dovut peress illi (i) preliminarjament, l-eccipjenti mhijiex il-legittima kontradittrici u dan peress li kif infurmat diversi drabi lill-attur, hija kienet qed tagixxi ta' mandatarja tal-konvenuta l-ohra Mary Carabott. Ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kollha kontra l-attur; (ii) minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, u in subsidium, is-servizz ta' traduzzjoni ma nghatax u dan kif ser jigi ppruvat; u (iii) dejjem bla pregudizzju, l-attur wieghed li jqabbad agenzija ta' traduzzjoni kwalifikata 'at the lowest price' mentri din il-kawza turi mod iehor; u (iv) in oltre bla pregudizzju, l-hlas mitlub huwa eccessiv. Bl-ispejjes.

Ra l-affidavit tal-attur Dr. William Azzopardi.

Sema’ x-xhieda ta' l-attur.

Ra l-affidavit tal-konvenuta Mary Carabott.

Sema' x-xhieda viva voce tal-konvenuta Rita Xuereb.

Sema' x-xhieda ta' Rosabel Carabott.

Sema' t-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi fil-qosor, skond l-attur huwa kien gie avvicinat mill-konvenuta Rita Xuereb darba nhar ta' Hadd x'hin kien hiereg mill-garaxx tieghu, u din qaltlu li kellha bzonn traduzzjoni mill-Franciz ghall-Ingliz ghan-neputija taghha peress li kellha xi ezami. Hija riedet li din it-traduzzjoni tkun lesta fi zmien jumejn.

L-attur spjega b'mod car li din it-Traduzzjoni kienet wahda ferm teknika, u li moghti terminu tant qasir ma setghax isib agenzija sabiex tiehu hsieb taghmel dan ix-xoghol. Ghalhekk peress li kien kapaci jaghmilha, hekk fil-fatt ghamel u Rita Xuereb kienet konsapevoli ta' dan. L-attur spjega kemm qatta hin jaghmel ix-xoghol u kif wasal ghall-prezz li talab.

Huwa spejga li meta Rita Xuereb inkarigatu sabiex jaghmel dan ix-xoghol fl-ebda hin u mument ma talbet rata, stima jew prezz, u anzi taghtu struzzjonijiet cari sabiex jkompli u jlesti kollox '*tigi kemm tigi*' tiswa t-traduzzjoni. Fil-fatt sussegwentement Rita Xuereb marret tigbor it-traduzzjoni fil-gurnata miftiehma u haditu maghha minghajr ebda ilmenti. Hija sempliciment infurmat lill-attur li kellha tigi l-konvenuta l-ohra Mary Carabott sabiex thallas.

Gara li l-konvenuta Mary Carabott flimkien mar-ragel taghha kienu marru ghand l-attur u b'mod pjuttost eccittat u forsi anki aggressiv, kienu infurmawh li ma kienux bi hsiebhom ihallsuh ghaliex deherilhom li l-prezz li l-attur kien qed jitlob ghat-traduzzjoni kien ferm ezagerat. L-attur xehed li l-ilment tal-konvenuti dejjem kien u baqa fis-sens li l-prezz kien ezagerat u qatt ma kien hemm xi ilment iehor minn-naha taghhom. Fl-ahhar, peress illi l-attur qatt ma thallas ta' xogholu kellha ssir din il-kawza.

Il-konvenuta Mary Carabott xehedet permezz ta' affidavit fejn fil-qosor spjegat kif it-tifla taghha giet fil-bzonn ta' traduzzjoni mill-Franciz ghall-Malti minhabba xi ezami universitarju li kellha. Hija kienet halliet il-karti kollha ghand il-mara ta' huha Rita Xuereb sabiex din ta' l-ahhar tipprova ssib lil xi hadd li seta' jaghmel it-traduzzjoni mehtiega.

Skond Carabott, Rita Xuereb kienet sabet lill-attur u halliet il-karti f'idejh sabiex ilesti t-traduzzjoni hu stess (dejjem sakemm isib tarf u jekk le kellu jghaddiha lil xi hbieb tieghu). Jumejn wara meta t-traduzzjoni kienet lesta, l-konvenuta Mary Carabott spjegat li kienet irceviet telefonata minghand Rita Xuereb tibki ghaliex il-prezz tax-

xoghol kien ferm gholi. Hija wkoll kienet staghgbet bil-prezz u fil-pront marret mar-ragel taghha ghand l-attur sabiex jilmentaw dwar dan il-prezz. Mary Carabott tammetti li kienu avzaw lill-attur li ma kienux bi hsiebhom ihallsuh ghas-servizz tieghu u ghalhekk l-attur hataf it-traduzzjoni minn idhom.

Minn-naha taghha l-konvenuta Rita Xuereb xehedet li oht ir-ragel taghha, Mary Carabott, kienet talbitha jekk kenitx taf b'xi hadd li seta' jaghmel translation mill-Franciz ghall-Malti peress li t-tifla taghha kellha bzonnha. Hi sabet lill-attur li kien lest li jaghmel it-traduzzjoni fiz-zmien qasir li kien hemm. L-attur avzaha li jekk ma kienx ser ikun possibbli ghalih li jaghmel ix-xoghol mitlub, kien ser iqabbad lil xi hbieb tieghu minnflok. Il-konvenuta ghalhekk hallietlu l-karti kollha u sussegwentement fiz-zmien stipulat irceviet telefonata minghand l-attur li nfurmaha li x-xoghol kien lest. Spjegat li meta saret taf bil-prezz tat-traduzzjoni hija ma kellhiex bizzejjed flus fuqha dak il-hin sabiex thallas, izda l-attur xorta wahda halliha tiehu l-karti maghha. Hi hekk ghamlet u marret id-dar taghha sabiex iccempel lill-Mary Carabott u tghidilha kemm kien il-prezz tax-xoghol li kellha thallas. Sussegwentement Rita Xuereb ma baqghetx izjed involuta fil-kwistjoni.

Rosabelle Carabott li tigi t-tifla tal-konvenuta Mary Carabott fix-xhieda taghha ziedet tghid li t-traduzzjoni li riedet kellha tkun mill-Franciz ghall-Malti u mhux mill-Franciz ghall-Ingliz kif fil-fatt sar. Hi xehedet ukoll li kienet kitba ta' madwar sitt faccati. Hi konfermat li meta marru ghand l-attur huma kkonfrontawh bil-fatt li l-prezz kien ezagerat wisq.

Illi wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha, t-Tribunal ghandu s-segwenti osservazzjonijiet x'jaghmel.

Fl-ewwel lok, huwa car li s-servizz ta' traduzzjoni inghata mill-attur fiz-zmien pattwit, u gie anki accettat. Hu car ukoll li l-kontestazzjoni principali hija dik li tirrigwarda l-prezz tax-xoghol.

Ma hemm l-ebda dubbju li l-attur tqabbad sabiex jaghmel it-traduzzjoni minn Rita Xuereb li taghtu struzzjonijiet cari sabiex din il-bicca xoghol issir minnu fi zmien qasir ta' madwar jumejn. Kienet biss Rita Xuereb li tat struzzjonijiet lill-attur u haddiehor.

Illi jirrizulta car li Rita Xuereb ma talbet l-ebda stima jew prezz minghand l-attur. Anzi tant kemm kienet mohha fil-fatt li t-traduzzjoni kellha tkun lesta fi zmien jumejn, li qaltlu l-kliem 'tigi kemm tigi' xorta wahda kellha ssir. Huwa car ghalhekk li hadd mill-konvenuti qatt ma talab stima jew prezz minghand l-attur fi kwalsiasi stadju.

Illi ghal dak li jirrigwarda Rosabelle Carabott u l-bzonn taghha li t-traduzzjoni tkun mill-Franciz ghall-Malti, (minnflok mill-Franciz ghall-Ingliz kif fil-fatt sar), it-Tribunal jidhirlu li ma hemm xejn li jista' jindika li l-attur ha xi zball, ghaliex apparti dak li xehed hu, Rita Xuereb ma ghamlet l-ebda enfasi fuq il-fatt li kellu jsir ghall-Malti, jew li tat struzzjonijiet specifici li kellu jsir hekk. Anzi dan il-punt kwazi kwazi gie injorat ghal kollox minn Rita Xuereb. Del resto la Mary Carabott u lanqas Rosabel Carabott ma taw struzzjonijiet lill-attur u ghalhekk ma hemm l-ebda prova f'dan is-sens. Di piu, meta marru jilmentaw ghand l-attur, hadd mill-familja Carabott ma semma dan il-punt, izda semmew biss il-prezz.

Illi t-Tribunal josserva wkoll li ma hemm assolutament xejn fil-provi li b'xi mod jindika li l-attur kellu jqabbad xi agenzija sabiex taghmel dan ix-xoghol '*at the lowest price*', kif qedin jikkontendu z-zewg konvenuti fl-eccezzjonijiet taghhom. Anzi hareg car li l-konvenuti kienu ben konsapevoli li l-attur kien ser jaghmel ix-xoghol ta' traduzzjoni hu stess, u kien biss jekk ghal xi raguni ma setax li kien ser jirrikorri ghas-servizz ta' agenzija. Ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

Illi ta' min isemmi li hemm diskrepanza pjuttost kbira fix-xhieda taz-zewg konvenuti. Filwaqt li Mary Carabott xehedet li Rita Xuereb kienet hadet xokk kbir dwar il-prezz u bdiet tibki x'hin cemplitilha, minn-naha taghha Rita Xuereb ma semmiet xejn minn dan kollu. Anzi hija

xehedet sempliciment li ma kellhiex bizzejjed flus fuqha sabiex thallas u l-attur xorta wahda hallietha tiehu l-karti maghha. Meta marret iccempel lil Mary Carabott hija sempliciment taghtha l-prezz minghajr biki u ghageb.

Huwa ghalhekk ovvju li kienet il-konvenuta Mary Carabott u l-familja taghha biss li raw il-prezz ferm ezagerat. Jista jkun li ma kienux lesti ghal dak l-ammont pero, ladarba hallew f'idejn haddiehor sabiex jirranga kollox, huma unikament responsabbli ghal dak li gralhom. Mary Carabott ma tat l-ebda struzzjonijiet sabiex l-ewwel wiehed jirranga fuq il-prezz u lanqas ma talbet xi stima. Hija ma kellha l-ebda raguni tipprezumi li bicca xoghol bhal din kienet ser tigi tiswa xejn. Wara kollox l-attur ma kellu l-ebda rabta maghha u lanqas ma kien jafha, u ghalhekk ma setghet qatt tipprezumi li ser jahdmilha b'xejn. Ta' min isemmi wkoll li jekk skond kif qed tghid fl-eccezzjonijiet taghha, x-xoghol kellu jsir minn agenzija, izjed u izjed kellha tassumi li l-prezz kien ser ikun dak normalment mitlub minn agenziji - u cioe in-numru tal-kliem multiplikat bir-rata ghal kull kelma.

Apparti dan, it-Tribunal m'ghandu assolutament l-ebda raguni ghalfejn jikkonkludi li l-ammont miltub mill-attur huwa wiehed ezagerat. L-attur fix-xhieda tieghu rnexxilu jiggustifika l-prezz tieghu billi qal kemm kien hemm kliem – ghax ghamel *word count,* - u anki semma r-rata li huwa uza ghal kull kelma. Huwa spjega li tali rata kienet ftit irhas mir-rata li juzaw l-agenziji. Del resto hadd mill-konvenuti ma kkontesta jew gab xi prova kuntrarja dwar l-ammont ta' kliem li kien hemm, jew jekk ir-rata kienitx il-*market rate* jew le.

Fl-ahharnett, it-Tribunal jidhirlu li l-attur kien gustifikat meta fetah il-kawza kontra z-zewg konvenuti ghaliex wara kollox ma setax ma jipprocedix kontra Rita Xuereb ukoll. Kienet din ta' l-ahhar li kkuntrattat mieghu, li tatu struzzjonijiet specifici, u li ghamlet l-arrangamenti kollha. Kien biss meta kellu jsir il-hlas li Rita Xuereb mbaghad ma baqghetx tinvolvi ruhha u deheret Mary Carabott sabiex tikkontesta l-ammont mitlub. In vista ta' dan, it-Tribunal ma jidhirlux li Rita Xuereb ghandha tigi liberata mill-

osservanza tal-gudizzju. Dana jinghad pero bla pregudizzju ghal kwalsiasi dritt li ghandha Rita Xuereb fil-konfront tal-konvenuta l-ohra Mary Carabott.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi:-
(i) Jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta Mary Carabott;
(ii) Jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta Rita Xuereb;
(iii) Jilqa t-talba attrici billi jikkundanna l-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta' hames mija, sitta u tletin ewro (€536.00), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.
(iv) L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------